**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

Kaz Nru 477/2012

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**kontra**

**ANGELUS VELLA**

**(detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 573953(M))**

**Illum il-15 ta' Novembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' **Angelus Vella** ta' tmienja u hamsin (58) sena bin il-mejjet Anthony u Marianne nee' Xuereb imwieled Tarxien nhar it-13 ta' Awwissu 1953, residenti Block 7, Flat 14, Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 0573953M, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fix-xahar ta' Frar 2013 u fid-disgha xhur ta' qabel din id-data:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta'

persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u mighajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fis-6 ta' Gunju 2012 u fil-granet ta' qabel din id-data;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu teighu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
3. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art. 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8 (a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. Rat l-atti processwali,

Rat u semghet lix-xhieda,

Rat l-atti kollha processwali kif ukoll id-dokumenti kollha esebieti inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali, ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta), li

permezz tal-istess Ordni, ordna li l-imputat titressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[1];

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021[2];
Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

**A. <u>Il-fatti tal-kaz odjern</u>**

Illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-qua imputat fil-kaz odjern jikkoncernaw zewg episodji partikoli.

L-ewwel fatti jikkoncernaw ezekuzzjoni ta' mandat t'arrest u tfittxija fil-konfront tal-qua imputat u ir-residenza tieghu gewwa Bormla nhar is-6 ta' Gunju 2012. Fir-residenza tal-imputat il-pulizija sabu borza b'sustanza bajda; tlett boroz ohra zghar bil-cannabis grass; borza zghira b'sustanza kannella mahsuba li hija eroina; pillola blu; u oggetti ohra relatati mal-konsum tad-droga bhal pipi, xfafar, mera u kuccarini bit-tracci, notebooks b'ismijiet fuqu flimkien ma prezzijiet magenbhom. Mix-xhieda prodotta jirrizulta ukoll li waqt li l-pulizija kienu qed jaghmlu l-imsemmija tfittxija giet persuna identifikata bhala Christian Bonello, thabbat mal-bieb. Dan il-persuna ntalab jaghti spjegazzzjoni l-ghaliex kien mar hemmhekk madanakollu ghall-bidu hu ma ta l-ebda spjegazzjoni. Sussegwentament ammetta mal-pulizija li kien mar hemm biex jikkonsma d-droga. L-imputat gie interrogat in konnessjoni mas-sejba hawn fuq imsemmija madanakollu ezercita d-dritt tas-silenzju u dana wara li rrifjuta d-dritt ghall-assistenza legali li kien limitat ghal qabel l-istqarrija skond il-ligi vigenti fis-sena 2012.

Illi l-affarijiet elevati minn din ir-residenza gew analizati mill-espert nominat, ix-xjenzat Godwin Sammut, li kkonkluda s-segwenti:

> *"(a) Illi fuq swab mehuda minn fuq il-flixkun li hemm fid-dokument 092_15_01 instabet is-sustanza kokaina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-ewwel skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*
>
> *(b) Illi fuq estratt mehud mill-haxix ta' lewn ahdar li hemm fid-dokument 092_15_01 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol.*

[1] Fol. 6 tal-atti processwali
[2] Fol. 112 tal-atti processwali

*Il-piz totali tal-haxix kien ta' 2.80grammi u l-purita' kienet ta' circa 4%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata taht it-Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(c) Illi fuq estratt mehud mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 092_15_01 ma nstabetx droga.*

*(d) Illi fuq estratt mehud mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 092_15_01 instabet is-sustanza eroina. Il-piz totlai tat-trab kien ta' 0.08 grammi. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(e) Illi fuq estratt mehud mill-joint li hemm fid-dokument 092_15_01 instabet is-sustanza Tetrahydrocannbinol.*

*(f) Illi fuq swab mehuda minn fuq il-pipa li hemm fid-dokument 092_15_01 instabet is-sustanza kokaina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*[3]

Illi fit-tieni lok l-imputazzjonijiet odjerni jikkoncernaw ukoll l-istqarrija guramentata ai termini tas-subartikoli 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta ta' certu David Bonnici. Bonnici ddikjara li huwa ghandu l-vizzju tad-droga u li meta kienet tigieh it-tentazzjoni kien jinqeda minghand Angelus Vella maghruf bil-laqam 'Pah' li kien residenti gewwa Bormla. Jispjega li kien jixtri minghandu d-droga kokaina. Bonnici jispjega li Vella l-ewwel jaghti lil dak li jkun kokaina tajba imbaghad jaghti kokaina ta' kwalita' hazina bil-ghan li wiehed jibqa jikkonsma. Jghid li minn tal-inqas nefaq Eur. 300 ghand Vella l-ahhar darba li mar ghandu. Jghid li minghand Vella kien xtara kokaina biss u li kien jixtri l-kokaina mir-residenza tal-istess Vella gewwa Bormla.

## B. Kunsiderazzjonijiet Preliminari

B.1 Stqarrija

Illi fl-udjenza tal-20 ta' Gunju 2022 l-imputat talab lil din il-Qorti tisfilza l-istqarrija rrillaxata mill-imputat u dana l-ghaliex ma kien offrut id-dritt ghall-assistenza legali waqt l-istqarrija. Din l-istqarrija rrillaxata mill-qua imputat nghatat wara li huwa gie mghoti d-dritt ghall-assistenza legali limitament ghal qabel l-istqarrija u mhux waqt l-istqarrija u dana fid-dawl tal-ligi vigenti fis-sena 2012. Minn qari tal-istqarrija jirrizulta li l-qua imputat ghazel li ma jwegibx ghad-

[3] Fol. 50-51 tal-atti processwali.

domandi kollha li sarulu u konsegwentament ma ghandha l-ebda valur probatorju fid-dawl tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat.

B.2 Stqarrija Guramentata ta' David Bonnici

Illi hekk kif inghad iktar qabel f'din is-sentenza fl-atti processwali giet ipprezentata stqarrija guramentata ta' David Bonnici ai termini tal-artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-imsemmija stqarrija guramentata Bonnici stqarr li huwa kien imur jinqeda ghand il-qua imputat ghad-droga kokaina. Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li l-prosekuzzjoni ma ressqitx lil Bonnici sabiex jixhed viva voce fil-prezenza tal-imputat u isegwi ghalhekk li huwa ma kienx soggett ghall-kontro-ezami tal-istess imputat.

Stabbiliti dawn il-fatti, dina l-Qorti trid tevalwa l-piz tal-prova li ghandha tinghata lix-xhieda guramentata ta' Bonnici mghotija ai termini tal-artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) mghotija fis-26 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet **il-Pulizija vs. Pierre Gravina**, fejn gie ddikjarat:

> *"Issa, huwa principju generali li "...ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-Qorti u viva voce" (Artikolu 646(1), Kap. 9). Ghal din ir-regola, pero`, hemm certi eccezzjonijiet li jipprovdi ghalihom l-istess Artikolu 646 fissubartikoli li jigu wara s-subartikolu (1). Hemm ukoll l-eccezzjoni tad-deposizzjoni mehuda in segwitu ghall-hrug ta' ittri rogatorja li bil-procedura traccjata fl-Artikolu 399 tal-Kodici Kriminali, procedura li giet ritenuta applikabbli anke ghal kawzi sommarji (ara* ***Il-Pulizija v. Angelo Grima*** *App. Krim. 18 ta' Ottubru, 1952), u li fil-prattika giet ukoll applikata mill-Qorti Kriminali f'xi kazijiet wara l-hrug tal-att ta' akkuza. U hemm l-eccezzjoni ta' meta xhud jinstema' f'daru minhabba mard jew xjuhija (Art. 647, Kap. 9). Jigi osservat li anke fil-kaz ta' xiehda permezz ta' rogatorji u ta' xhieda li jinstemghu f'darhom, l-imputat jew akkuzat ghandu dejjem il-jedd li jkun presenti waqt is-smigh tax-xhud jew li jahtar rappresentant tieghu ghal waqt tali smigh – Art. 647(3) u 399(2). L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661 ta' l-istess Kodici. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li minn ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dawrha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura*

*dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramenetata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud. Ifisser biss li, bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza* ***Kostovski v. Netherlands*** *(20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu* ***does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings*** *((1990) 12 E.H.R.R.434, para. 41)."*

L-istess principju gie riavvizat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-8 ta' April 2010, fl-ismijiet Ir-**<u>Repubblika ta' Malta vs Matthew-John Migneco</u>**:

*"S'intendi, dana l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 irid dejjem jinqara fid-dawl tad-disposizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi Kriminali (eċċetwat l-Artikolu 661 tal-istess Kodici, li għalih l-Artikolu 30A jagħmel deroga espressa). Issa, l-Artikolu 549(4) (u ma jistax ikun hemm dubju li l-intervent ta' Maġistrat taħt is-subartikoli (12) u (13) tal-Art. 24A tal-Kap. 101 hija forma ta' inkjesta dwar l-in genere b'modalitajiet kemm xejn differenti meħtieġa għall-finijiet tal-istess Kap. 101) u 646(2) tal-Kap. 9 huma ċari fil-portata tagħhom: id-deposizzjoni regolarment mogħtija fl-inkjesta dwar l-in genere ... tista' tingieb bhala prova, u mhux sempliċiment għall-finijiet ta' kontroll, <u>basta, pero`, li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat viva voce</u> ... ħlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinstab... (ara l-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646)."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-6 ta' Lulju 2016, fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat</u>**, b'referenza għall-Artikolu 30A tal-Kap. 101 u l-Artikolu 661 tal-Kap. 9 u wara li gew ikkonfermati l-principji stabbiliti permezz tas-sentenzi hawn fuq imsemmija, ingħad hekk:

*"Izda jekk f'dak l-*istadju (guri) *huma jiddikjaraw li ser jaghzlu li ma jixhdux biex ma jinkrimnawx irwiehom fil-process penali li jkun ghadu pendenti fil-konfront taghhom, imbaghad f'dak l-*istadju *il-gurati ghandhom jigu ggwidati meta jigu biex jiznu il-valur probatorju tal-istqarrijiet guramentati u dan ghaliex "The right to a fair administration of justice holds so prominent a place in a democratic society that it cannot be sacrificed to expediency. Dan ghaliex kif gie deciz fil-kaz* ***Luca v Italy*** *[(2003) 36 EHRR 46], inghad mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:-*

*"As the court has stated on a number of occasions . . . it may prove necessary in certain circumstances to refer to depositions made during the investigative stage (in particular where the witness refuses to repeat his deposition in public owing to fears for his safety, a not infrequent occurrence in trials concerning Mafia-type organisations). If the defendant has been given an adequate and proper opportunity to challenge the depositions, either when made or at a later stage, their admission in evidence will not in itself contravene Article 6.1 and 3(d). The corollary of that, however, is that where the conviction is both solely or to a decisive degree based on depositions that had been made by a person whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined, whether during the investigation or at the trial, the rights of the defence are restricted to an extent that is incompatible with the guarantees provided by Article 6."*

*Dan ifisser allura illi hemm erba' kriterji li jridu jigu ikkunsidrati:*

1. *Ix-xhieda bhala regola ghandha tinghata viva voce fil-Qorti fejn l-akkuzat ikollu kull opportunita' li jikkontrolla dak li jghid ix-xhud.*
2. *Il-fatt illi x-xhieda ma jixhdux madanakollu ma ghandux iwassal ghall-inammissibilita` tal-istqarrija minnhom rilaxxata fl-istadju tal-investigazzjonijiet jew fil-pre-trial stage u dan ghaliex irid jittiehed in konsiderazzjoni l-fatturi kollha tal-kaz, bhal perezempju fil-kaz meta xhud ma jistax jingieb jixhed ghax ikun miet.*
3. *L-affidabbilita ta' dik l-istqarrija u tax-xhud li jkun irrilaxxjaha.*
4. *Finalment jekk dik ix-xhieda guramentata wahedha hijiex l-unika prova inkriminanti u deciziva fil-konfront tal-persuna akkuzata."*

Stabbiliti dawn il-principji, jinghad ukoll li fil-kaz in dezamina ma gewx osservati d-dittami tal-artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali li jistipula li:

*Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-*artikolu, *ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-*qorti *u vivavoce.*

L-unika eccezzjonijiet ghal din ir-regola huma s-segwenti (a) meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa evidenti lill-Qorti li xhieda viva voce tista' tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud u (b) jekk ix-xhud ikun mejjet, (c) ikun barra minn Malta jew (d) ma jkunx jista' jinsab.

Mill-atti processwali, partikolarment mill-verbal tal-udjenza fid-9 ta' Mejju 2022 jirrizulta li David Bonnici ma ngabx sabiex jixhed viva voce quddiem il-qorti ghaliex ma setghax jinsab u dan minkejja diversi tentattivi li kienu saru. Mill-imsemmija stqarrija jirrizulta li Bonnici xehed biss dwar fatti li huwa kien konsapevoli taghhom u dan waqt li kien ghaddej proceduri kriminali quddiem il-Qrati rigward fatti mhux relatati mal-kaz odjern. Jirrizulta ukoll mill-istess stqarrija li din saret f'perjodu li huwa kien qed jipprova jkun astinenti mill-uzu tad-droga. Jirrizulta ukoll li din l-istqarrija guramentata giet ipprezentata fl-atti bid-difiza jkollha l-opportunita' kollha li tirregola l-posizzjoni taghha fir-rigward tal-istess stqarrija u fl-ebda istanza ma talbu li jsir il-kontro-ezami tal-istess xhud. Jirrizulta ukoll li l-istess stqarrija guramentata ma hijiex l-unika prova mressqa mill-prosekuzzjoni fir-rigward tal-imputat odjern. Tenut kont dawn il-kunsiderazzjoni kif ukoll fid-dawl tal-insenjament tal-qrati hawn fuq citat din il-Qorti ser tikkunsidra l-istess stqarrija guramentata meta tigi biex tanalizza r-reita tal-imputat jew altrimenti fid-dawl tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u dana minkejja li l-istess Bonnici ma ngabx sabiex jixhed viva voce.

C. <u>Kunsiderazzjonijiet dwar htija</u>

<u>C.1 Traffikar tal-kokaina</u>

Din l-imputazzjoni hija msejjsa fuq l-istqarrija guramentata ta' David Bonnici, li jistqarr bil-gurament li huwa kien jinqeda minn ghand l-imputat fir-residenza ta' l-istess imputat meta huwa kien dipendenti fuq id-droga kokaina. Il-parametri ta' zmien u lok mghotija f'din l-imputazzjoni huma *"f'dawn il-Gzejjer fix-xahar ta' Frar 2013 u fid-disgha xhur ta' qabel din id-data"*. Illi mix-xhieda guramentata ta' Bonnici ma jirrizultax b'mod car il-perjodu li fih l-istess Bonnici kien jinqeda minghand l-imputat ghad-drogra kokaina. Konsegwentament Vella ma jistgha qatt jinstab hati ta' din l-imputazzjoni fil-parametri ta' zmien mghotija mill-prosekuzzjoni fic-citazzjoni.

<u>C.2 Pussess aggravat tal-eroina</u>

Illi minn tfittxija li saret mill-pulizija fir-residenza ta' Vella, jirrizulta car li huwa nstab fil-pussess ta' diversi sustanzi fosthom l-eroina. Fil-fatt wara li s-sustanzi gew elevati u analizzati, x-xjenzat Sammut, fost affarijiet ohra, ikkonkluda:

> *"Illi fuq estratt mehud mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 092_15_01 instabet is-sustanza eroina. Il-piz totali tat-*

*trab kien ta' 0.08 grammi. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi that l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Konsegwentament jirrizulta pruvat li l-qua imputat kien fil-pussess xjenti tad-droga eroina u konsegwentament dak li dina l-Qorti baqghalha tiddetermina huwa jekk l-imsemmija sustanza kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu jew altrimenti.

Mill-provi pprezentati jirrizulta li l-imsemmija sustanza nstabet fir-residenza tal-istess ammont, f'ammont ta' inqas minn gramma u cioe' 0.08 grammi. Fir-residenza instabu diversi oggetti relatati mal-uzu tad-droga li jindikaw li l-qua imputat kien juza mid-droga. L-istess sustanza eroina instabet ukoll flimkien ma diversi sustanzi ohra regolati ai termini tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta anke jekk l-ammont tal-imsemmija sustanzi kien wiehed zghir ukoll. Mix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija jirrizulta li waqt li kienet qed issir it-tfittxija fir-residenza tal-imputat kien mar persuna – Christian Bonello, jhabbat li kien gie arrestat in konnessjoni mad-droga. Bonello gie mressaq bhala xhud mill-prosekuzzjoni fil-proceduri odjerni. Bonello jikkonferma li dakinhar tat-tfittxija fir-residenza tal-imputat kien mar hemmhekk u kien safa' arrestat madanakollu huwa jispjega li kien mar hemm biex jaghmel xi xoghol relatat ma manutenzjoni fir-residenza tal-imputat. Mid-domandi li saru mill-ufficjal prosekutur jirrizulta li fl-istadju tal-investigazzjonijiet Bonello kien ta lill-Pulizija verzjoni differenti. Madanakollu l-Prosekuzzjoni qatt ma affrontatu bl-istess verzjoni. Konsegwentament mill-atti processwali ma tirrizulta l-ebda prova li b'xi mod tista' tohloq ness bejn Bonello u s-sejba ta' sustanzi fir-residenza tal-imputat. Fil-fatt mill-provi prodotti lanqas ma jirrizulta l-ghaliex Bonello kien safa' arrestat dakinhar.

Fid-dawl tac-cirkostanzi hawn fuq imsemmija, partikolarment il-fatt li dawn instabu fir-residenza tal-imputat flimkien ma oggetti relatati ma uzu ta' droga u l-ammont zghir ta' sustanza eroina misjuba, din il-Qorti ma jirrizultaliex pruvata sal-grad ta' lil hinn minn kull dubbju ragonevoli li l-imsemmija sustanza ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Ghaldaqstant l-imputat ser jinsab hati tal-pussess semplici tal-eroina.

<u>C.3 Pussess semplici tal-pjanta Cannabis</u>

Illi mix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija jirrizulta car li l-imputat kellu fir-residenza tieghu haxix kif ukoll joint. Ix-xjenzat nominat sabiex janalizza l-imsemmija sustanza, Godwin Sammut, kkonkluda:

*(b) Illi fuq estratt mehud mill-haxix ta' lewn ahdar li hemm fid-dokument 092_15_01 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol. Il-piz totali tal-haxix kien ta' 2.80grammi u l-purita' kienet ta' circa 4%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata taht it-Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

U li:

> *(e) Illi fuq estratt mehud mill-joint li hemm fid-dokument 092_15_01 instabet is-sustanza Tetrahydrocannbinol.*

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi, partikolarment il-fatt li l-Cannabis jirrizulta li kienet intiza biss ghall-uzu esklussiv ta' Angelus Vella u nstabet f'ammont t'inqas minn seba' grammi, din l-imputazzjoni tirrizulta kolpita bl-emendi introdotti f'Dicembru tas-sena 2021 senjatament permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021. Bis-sahha ta' dawn l-emendi l-artikolu 4A tal-Kap. 537 jistipula:

> *(1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-pussess minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi, f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali ta' tali persuna, **ma għandux jikkostitwixxi reat**, u l-persuna ma għandhiex tinżamm f'kustodja taħt arrest minbarra fejnhemm suspett raġonevoli ta' traffikar jew tmexxija ta' droga kannabis*

Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma ghadux jigi hekk ikkunsidrat illum il-gurnata.

Illi l-artikolu 12 tal-Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula:

> *(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Atti ħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –*
> *(a) jerġa' jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew lima tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;*
> *(b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;*
> *(ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew liġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;*
> *(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk;*
> *(e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,*
> *u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħujinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jewpiena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar majkunx għadda.*

Madanakollu ssir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-***Pulizija vs. Juanita Fenech*** nhar is-27 ta' Frar 2019 fejn gie ddikjarat:

> *"Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ibbazati fuq l-artikolu 7 tal-Kovenzjoni Ewropeja dwar il-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti hija tal-fehma illi illum ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti bilfors trid tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza:*
>
> > *"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties .... The Court .... affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."*
>
> *Din il-posizzjoni ġiet riaffermata permezz tas-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014.*
>
> *Illi l-Professur Sir Anthony Mamo jidher li kien tal-fehma ukoll li f'sitwazzjonijiet bħal dawn il-proċeduri jew l-effett provenjenti minnhom permezz tas-sentenza li tkun ingħatat, għandhom jieqfu.*
>
> > *"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence".*

> ***<u>B'hekk illum għalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proċeduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qiegħed jitqies illi huwa leżiv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem</u>.*" (emfazi ta' dina l-Qorti)

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

<u>C.4 Pussess Semplici tar-raza tal-Cannabis</u>

Illi fid-dawl tax-xhieda tal-espert nominat Godwin Sammut, din l-imputazzjoni ma tirrizultax sodisfacentament pruvata u konsegwentament l-imputat ser jigi lliberat mill-istess.

D. Kunsiderazzjonijiet dwar Piena.

In kwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti ser tqis in-natura u c-cirkostanzi tar-reati li taghhom ser jinsab hati inkluz in-natura u l-ammont ta' droga involuta. Ser tqis ukoll il-fedina penali tal-imputat kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta li dahlu fis-sehh permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 8(d); 22(1)(a) u 2(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijet ta' Malta u r-regolament 9 tal-Ligi Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta, (a) qed tastjeni milli tieghu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni, (b) qed tillibera lill-qua imputat Angelus Vella mill-ewwel u mir-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu filwaqt li (c) qed isibu hati tat-tieni imputazzjoni b'dan li l-pussess kien wiehed ghall-uzu esklussiv tal-istess imputat. Konsegwentament b'applikazzjoni tal-artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundana lill-qua imputat, Angelus Vella, ghall-penali ta' disghin (Eur. 90) Ewro.

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill-hati Angelus Vella sabiex ihallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 263.61[4] konnessi mal-hatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni fi zmien tlett xhur millum.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu

---

[4] Relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut

jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Christine Farrugia**

**Deputat Registratur**